Moviment għad-Drittijiet, Protezzjoni u Żvilupp tat-Tarbija li se Titwieled

Nieħu Ħsiebek Jien - Malta

Video-DVD migjub Malta mill-USA mis-Segretarjat Assistenza Socjali (SAS) ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija
Self tad-DVD - Verzjoni bl-Ingliz jew bil-Malti - mis-SAS -Tony Mifsud 7920 4840
**mifsudtony@gmail.com**

(ara File in CD =The Secret Life of Unborn Child ..Communicating etc...)

---

**META T-TARBIJA FIL-GUF TIEGHEK**
**TKUN TIEĦU D-DROGI, TIXROB L-ALKOĦOL**
**U TPEJJEP IS-SIGARETTI**

**DVD Script - Malti - 13-il minuta**

---

Li jkollok familja u jkollok tarbija tista' tkun esperjenza eċċitanti u li tagħtik sodisfazzjon.

**"Illum it-tarbija veru qegħda tagħti bis-sieq!"**

Teżisti intimità u affettività, imħabba u sensibilità kbira. Imma sfortunatament din is-sensibilità tista' tispiċċa malajr jekk it-tarbija tiegħek ma tkunx f'saħħitha jew kuntenta minħabba li tkun esposta għall-alkoħol, għad-drogi, għat-tipjip u sustanzi oħrajn li int tkun ħadt matul it-tqala.

**"Matul it-tqala jien kont għażilt li nieħu l-kokaina u domt neħodha għal madwar tmien xhur waqt it-tqala tiegħi u t-tarbija twieldet qabel iż-żmien. Is-sistema diġestiva tagħha ma kinitx għadha żviluppat kif suppost, batiet mill-proċess tal-'withdrawal' li wieħed jgħaddi minnu meta jieqaf jieħu d-droga, kienet tbati bid-dijarea fl-ewwel sitt xhur wara li twieldet, li matulhom kellha wkoll tibqa' l-isptar.**

**"Il-mara tiegħi ma kinitx tpejjep ħafna, forsi nofs pakkett kuljum. Meta twieldet it-tarbija konna ddubitajna jekk qattx kienet ser tkun normali."**

**"Ma kontx nirrealizza li l-ammont ta' alkoħol li kont nixrob seta' joħloq xi problema, imma qatt ma ħsibt li t-tarbija seta' jkollha xi deformazzjoni jew li ma tiżviluppax mentalment, kont forsi naħseb li setgħet titwieled żgħira jew li tkun tibki ta' spiss, imma qatt ma mmaġinajt il-gravità tal-biċċa."**

Meta inti tkun tqila, ġewwa l-utru tiegħek tkun qed tikber bajda fertilizzata; din tkun qegħda tgħum ġo qisu *envelope* li jkun fih sustanza fluwida, il-'fosdqa ta' l-embrijun'. Aktar 'il quddiem l-embrijun jibda jissejjaħ fetu. Hekk kif il-fetu jibda jiżviluppa f'tarbija, jibda jirċievi l-ikel mingħand ommu permezz ta' organu li jissejjaħ il-plaċenta (jew is-sekonda). Dak kollu li jidħol fis-sistema tad-demm tiegħek jilħaq lit-tarbija permezz tal-plaċenta. Dan jinkludi dak kollu li inti tiekol, biex ma nsemmux sustanzi kimiċi mis-sigaretti u sustanzi kimiċi mill-birra, inbid u xorb alkoħoliku qawwi, u naturalment droga jew mediċina, ibda minn aspirina u spiċċa minn dik li wieħed isib jixtri mit-triq. Meta int tkun taħt l-influwenza tad-droga t-tarbija tkun hi wkoll taħt l-influwenza tagħha u meta int toħroġ minnha, l-istess tagħmel it-tarbija.

**“Jien bqajt inpejjep sal-ġurnata tal-ħlas; it-tarbija tiegħi qattgħet ġimgħat sħaħ f’inkubatur.”**

It-tipjip waqt it-tqala jkabbar il-possibbiltà li t-tarbija titwieled żgħira u li l-piż tagħha jkun inqas milli suppost u trabi tat-twelid li jkunu jiżnu inqas minn 5 libbri u nofs normalment ma jkollhomx xaħam biżżejjed biex ġisimhom ikun jista’ jżomm it-temperatura mixtieqa, u iktar għandhom probabbiltà li jiżviluppawlhom problemi tan-nifs u kondizzjonijiet li jistgħu jikkawżaw ħsara fil-moħħ.

**“Nixtieq li jkolli tarbija b’saħħitha imma diġà għandi tliet xhur tqala, u allura naħseb li issa huwa tard biex naqta’ t-tipjip, veru?”**

**“Le, attwalment dak li qed tgħid mhux minnu. Li kellek tieqaf tpejjep issa l-probabbiltà li jkollok tarbija b’saħħitha hija daqs li kieku ma kont tpejjep qatt. Taħseb li tista’ tieqaf tpejjep?”**

**“Għall-ġid tat-tarbija rrid nipprova nieqaf!”**

Monique twieldet minn omm li kienet tixrob b’mod eċċessiv waqt it-tqala; għandha problemi radikali serji; kellha tiġi operata iktar minn darba; kellha problemi f’widnejha, f’imniħirha. B’deċiżjoni ta’ l-awtoritajiet tal-muniċipju, Monique ittieħdet mingħand ommha għaliex ma kinitx kapaċi tieħu ħsiebha. Qegħda xi sentejn lura fl-istudji tagħha u mindu kellha tmien xhur kien sarilha programm apposta għaliha minħabba l-problemi li għandha biex titgħallem.

Is-“Sindromu ta’ l-alkoħol fil-fetu” jiddeskrivi d-difetti marbuta mat-twelid konnessi max-xorb ta’ l-alkoħol matul it-tqala. Dawn id-difetti jinkludu daqs żgħir tat-tarbija, wiċċ deformat, organi li ma jkunux iffurmaw kif suppost jew li ma jaħdmux kif suppost, movimenti tal-ġisem mhux koordinati, moħħ li mhux kapaċi jirraġuna kif suppost, eċċitament u diffikultajiet biex wieħed jitgħallem.

Anki ‘drink’ wieħed jew tnejn biss fil-ġimgħa jistgħu jagħmlu ħsara lit-tarbija fil-ġuf tiegħek. Meta inti tixrob, kważi l-alkoħol kollu jmur dritt fil-fetu, imma peress li t-tarbija tiegħek hija ħafna iżgħar minnek hija tisker ħafna iktar malajr minnek, u billi l-fwiet tat-tarbija tiegħek li tkun għadha qegħda tikber ma jkunx għadu żviluppa kompletament, l-alkoħol idum ħafna iktar biex jiġi assorbit u jibqa’ fis-sistema għal ħafna aktar żmien.

**“Mhux aħjar ma’ tixrobx?”**

**“U le, ma nixrobx ħafna jien! Xi darba ’l hawn u ’l hemm waqt xi *party*, imma xejn speċjali. U mbagħad kulma hi birra! M’hu se jiġrilha xejn it-tarbija! ”**

**“Il-birra ma tagħmilx ħsara.”**

Fil-fatt m’huwiex hekk. Sfortunatament, li wieħed jixrob volum qawwi ta’ alkoħol darba kultant b’mod li jimtela b’livelli għoljin ta’ alkoħol f’daqqa, jista’ jkun ta’ ħsara daqs meta meta wieħed jixrob l-alkoħol b’mod regolari. Birra, xorb alkoħoliku qawwi, tazza nbid, xarba magħmula minn taħlita ta’ nbid u soda jew drink imħallat, kollha fihom kważi l-istess ammont ta’ alkoħol, u għalhekk il-birra u l-nbid m’humiex inqas perikolużi mix-xorb alkoħoliku qawwi. Il-missier għandu wkoll ir-responsabbiltà li jagħmel minn kollox biex jiżgura li t-tarbija titwieled b’saħħitha. Ġie ppruvat li l-alkoħol jista’ jagħmel ħsara lill-isperma tar-raġel, u dan jista’ jirriżulta f’tarbija li l-piż tagħha jkun inqas milli suppost. Jekk inti kellek ħabiba li kienet tixrob u kellha tarbija normali dan ma jfissirx li jekk inti tixrob it-tarbija mhux ser ikollha problemi. L-effett li jħalli l-alkoħol ivarja bejn omm u oħra. Ngħidu aħna fl-ewwel tliet xhur tat-tqala, ix-xorb jista’ jagħmel ħsara kbira lis-sistema nervuża tat-tarbija u organi interni oħrajn. Xorb fir-raba’, fil-ħames u fis-sitt xahar tat-

tqala ġie assoċjat ma' żjieda fil-possibbilta' ta' korriment waqt it-tqala. L-użu ta' l-alkoħol fl-aħħar tliet xhur jista' jirriżulta f'nuqqas ta' żvilupp tat-tarbija. Għalhekk anki jekk m'intix ċerta jekk intix tqila jew jekk tissuspetta li tista' tkun tqila, ġib ruħek daqs li kieku inti tqila. Darba inti tqila, ma hemm l-ebda żmien fit-tqala li mhux perikoluż jekk inti tixrob.

**"Hello dott, qiegħed ikolli problemi biex norqod, taħseb li nista' nieħu xi pilloli ta' l-irqad ?"**

Waqt it-tqala dejjem ivverifika mat-tabib tiegħek qabel ma tieħu xi mediċini jew pilloli li tkun xtrajt mill-ispiżerija bħall-aspirina jew sostituti ta' l-aspirina, mediċini kontra l-allerġiji, dekonġestjonanti, aġenti li jrażżnu s-sola, pilloli ta' rqad, jew anki mediċini bir-riċetta.

**"Bżajt li kien ser imut; meta twieled kważi bżajt inħares lejh għax bdejt naħseb ta' xiex stajt inkun kaġun bil-mediċini li jien kont nieħu, u sa kemm kellu mill-inqas erba' xhur kull meta jasal il-lejl kont naħseb li kien ser imut u kull darba li kien jagħmel xi ħoss, kont inqum biex nara x'ġara, ikun xi jkun il-ħoss, għax verament kont nibża'.**

Int taf x'effetti jistgħu jħallu fuqek id-drogi, imma taf x'jistgħu jagħmlu lit-tarbija? Taf kif jistgħu jaffettwawha aktar 'il quddiem?

**"It-tifla ż-żgħira tiegħi dehret li ma ġietx affettwata meta kienet iżgħar imma issa għandha problemi ta' smigħ; it-tobba m'humiex ċerti jekk hux minħabba d-drogi imma jien naħseb li iva u għandha wkoll problemi ta' mġieba, impossibbli li tmur tajjeb magħha, u jgħidu li dan huwa l-effett tad-drogi fuqha."**

**"Aħna 'foster parents'. Kellna lil Wayne minn mindu kien għadu tarbija żgħira. Huwa kien twieled minn omm li fiż-żmien li welditu kienet tieħu d-drogi. Il-Qorti ħadet lil Wayne mingħand ommu għaliex ma kinitx kapaċi tieħu ħsiebu. Minn mindu twieled kellu ħafna problemi bħal li jibki ħafna, jagħmel għaġeb mix-xejn, problemi ta' dijarea, xi ġranet ikun irid min jerfgħu u xi ġranet oħrajn le, ma jorqodx sew matul il-lejl, issa li beda l-iskola qed ikollu problemi biex jitgħallem, isibha ħafna diffiċli biex jikkonċentra fuq il-biċċa xogħol li jkun qed jagħmel għaliex dejjem iħossu eċċitat, jieħu l-mediċini. It-trabi mwielda minn ommijiet li jieħdu d-drogi kultant isibuha diffiċli biex jikkontrollaw lilhom infushom. "**

Drogi, hemm dawk li għandhom effett stimulanti (uppers) u dawk li għandhom effett depressiv (downers), *speed* jiġifieri d-droga amfetamina, kokaina, marijwana, *angel dust*. Id-drogi jżidu r-riskju li int titlef it-tarbija. It-trabi li jkunu esposti għad-drogi meta jkunu ġewwa l-ġuf jistgħu jsofru minn attakk tal-qalb li jikkaġuna ħsara irriversibbli fil-moħħ, ħsara fil-pulmun, u organi li ma jiżviluppawx kif suppost jew li jkunu deformati. Id-drogi jistgħu jikkaġġunaw korriment, is-separazzjoni tal-plaċenta minn ma' l-utru, li jista' jwassal għal telf eċċessiv ta' demm, u dan jista' jkun ta' theddida għall-ħajja ta' l-omm u tat-tarbija. Id-drogi kollha jistgħu jkunu l-kaġun li t-tarbija titwieled mejta. Ma tagħmilx differenza jekk inti xxammem id-droga, jew tinjettaha, jew tiblagħha jew tpejjipha. Id-drogi kollha jinfdu l-plaċenta u jidħlu fit-tarbija.

**"Mad-daqqa t'għajn kienet tidher qisha tifla normali ta' ħames snin, imma kien hemm affarijiet interni li wieħed ma jinnotax mill-ewwel, bħal-livell tal-komunikazzjoni bil-kliem li ma kienx ta' tifla ta' ħames snin imma ta' waħda ta' tliet snin. L-imġieba tagħha żgur mhix tal-livell ta' tifla ta' ħames snin; ma nafx kif ser jirnexxilha tleħħaq fil-kindergarten. Għadha tagħmel pipi' fis-sodda; xi drabi anki matul il-ġurnata tagħmel pipi' fil-qalziet xi ħames darbiet. Sempliċement ma tistax tikkontrolla. U dan hu l-effett ta' l-eroina. "**

**"Eżatt meta twieled ma kinux jafu jekk hux eroina jew xi droga oħra li kont qed nieħu jgħidulha methadone; ma kinux effettivament jafu xi droga kont qed nieħu, u għalhekk**

**ma ħallewnix inżomm it-tarbija u mbagħad meta wara ħadt it-tarbija d-dar bdiet spiss issir kulur vjola, bdiet tħoss ħafna bard, bdiet tirtogħod u tibki. Kont noqgħod inbandalha l-ħin kollu u ngħidilha biex ma tibkix. Kont nipprova nkellimha u sempliċement ma kinitx tkun trid tisma', kienet tibqa' tibki. Sakemm ġurnata waħda ħadtha għand it-tabib u dan qalli x'kienet ir-raġuni għalfejn kienet qed iġġib ruħha hekk. "**

It-trabi li jitwieldu minn ommijiet li jkunu jieħdu l-kokaina, l-amfetamina jew l-eroina jistgħu jitwieldu f'kondizzjoni li ma jistgħux jgħaddu mingħajrhom u jgħaddu mill-proċess li wieħed li jieħu d-droga jgħaddi minnu biex jaqta' l-vizzju, il-proċess tal-'withdrawal'. It-trabi li jitwieldu minn ommijiet li jieħdu d-drogi ġeneralment ikunu nervużi u jieħdu qata' hekk kif tmisshom jew anki ma' l-iċken ħoss. Skond studju li sar irriżulta li waħda minn kull sitt trabi li jitwieldu minn ommijiet li kienu jieħdu l-kokaina matul it-tqala tmut minħabba s-sindromu tal-mewt waqt l-irqad, xi kultant magħrufa bħala l-mewt fil-benniena.

**"Aħna nixtiequ li jkollna tarbija b'saħħitha li nkunu nistgħu nħobbuha u nieħdu ħsiebha. "**

Is--saħħa tat-tarbija tiegħek tiddependi minnek u mis-sostenn tal-missier. Inti tista' tagħmel eżerċizzi fiżiċi, tiekol ikel nutrijenti. Ikseb kura ta' qabel it-twelid matul il-perjodu tat-tqala tiegħek u b'hekk tkun qed iżżid il-probabbiltà li jkollok tarbija b'saħħitha u *smart*, jew inkella tista' żżid ir-riskju li jkollok tarbija bi problemi fiżiċi, emozzjonali jew b'diffikultajiet fil-kisba tat-tagħlim, problemi li jistgħu jdumu tul il-ħajja kollha tat-tarbija. L-għażla hija f'idejk. X'tip ta' tarbija tixtieq li jkollok?